MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 336/2013

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti CB, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi il-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Novembru ts-sena 1998 (vide Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin u dan in forza ta’ kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor Silvana Borg Caruana tas-17 ta’ Mejju 2013 (vide Dok B);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom

aktar minn erba’ snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin u l-partijiet sahansitra fformaw rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohra;

Illi ma hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Bridget Souliman;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-17 ta’ Mejju 2013, izda ilhom ma jghixu flimkien de facto ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------